2024/3150

19.12.2024

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/3150

tal-10 ta' Diċembru 2024

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/593 li tawtorizza lir-Repubblika Taljana tintroduċi miżura speċjali ta' deroga mill-Artikoli 218 u 232 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 395(1) l-ewwel subparagrafu, tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/593 ([2]) awtorizzat lill-Italja tintroduċi sal-31 ta' Diċembru 2021 miżura speċjali ta' deroga mill-Artikoli 218 u 232 tad-Direttiva 2006/112/KE (il-"miżura speċjali") sabiex timplimenta fatturazzjoni elettronika obbligatorja għall-persuni taxxabbli kollha stabbiliti fit-territorju tal-Italja, għajr għall-persuni taxxabbli li jibbenefikaw mill-eżenzjoni għall-intrapriżi ż-żgħar imsemmija fl-Artikolu 282 ta' dik id-Direttiva.

(2) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/2251 ([3]), awtorizzat lill-Italja biex tkompli tapplika dik il-miżura speċjali sal-31 ta' Diċembru 2024, u wessgħet l-ambitu tal-miżura speċjali ' biex tinkludi l-persuni taxxabbli li jibbenefikaw mill-eżenzjoni għall-intrapriżi ż-żgħar imsemmija fl-Artikolu 282 tad-Direttiva 2006/112/KE.

(3) B'ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fil-11 ta' April 2024, l-Italja talbet awtorizzazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 395(2), l-ewwel subparagrafu, tad-direttiva 2006/112/KE, biex tkompli tapplika l-miżura speċjali (it-"talba").

(4) F'konformità mal-Artikolu 395(2), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva 2006/112/KE, il-Kummissjoni bagħtet it-talba lill-Istati Membri l-oħra b'ittra ddatata t-12 ta' Settembru 2024. B'ittra ddatata t-13 ta' Settembru 2024, il-Kummissjoni nnotifikat lill-Italja li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tivvaluta t-talba.

(5) Skont l-Italja, is-sistema implimentata tal-fatturazzjoni elettronika obbligatorja, li tgħaddi l-fatturi kollha maħruġin mis-sistema "Sistema di Interscambio" ġestita mill-Aġenzija Taljana għad-Dħul, laħqet l-objettivi tagħha bis-sħiħ, jiġifieri l-ġlieda kontra l-frodi u l-evażjoni tat-taxxa, is-simplifikazzjoni tal-konformità mar-regoli tat-taxxa u t-titjib tal-effiċjenza tal-ġbir tat-taxxi, u b'hekk naqset il-kostijiet amministrattivi għan-negozji.

(6) Jenħtieġ għaldaqstant li l-Italja tiġi awtorizzata tkompli tapplika l-miżura speċjali sal-31 ta' Diċembru 2027. F'każ li l-Italja tqis li estensjoni tal-miżura speċjali lil hinn mill-2027 hija neċessarja, jenħtieġ li tippreżenta talba għal estensjoni lill-Kummissjoni. Dik it-talba jenħtieġ li tkun akkumpanjata minn rapport dwar l-applikazzjoni tal-miżura speċjali, i inkluż valutazzjoni tal-miżura speċjali rigward l-effettività tagħha fil-ġlieda kontra l-frodi u l-evażjoni tal-VAT u s-simplifikazzjoni tal-ġbir tat-taxxi. Barra minn hekk, jenħtieġ li dak ir-rapport jevalwa l-impatt tal-miżura fuq il-persuni taxxabbli, b'mod partikolari dawk li jibbenefikaw mill-eżenzjoni għall-intrapriżi ż-żgħar imsemmija fl-Artikolu 282 tad-Direttiva 2006/112/KE.

(7) Madankollu, jenħtieġ li l-miżura speċjali tieqaf tapplika mid-data tal-applikazzjoni ta' sistema ġenerali għall-fatturazzjoni elettronika adottata mill-Kunsill abbażi tal-Artikolu 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jew abbażi jew ta' kwalunkwe dispożizzjoni rilevanti oħra ta' dak it-Trattat, jekk tali sistema ġenerali ssir applikabbli qabel il-31 ta' Diċembru 2027.

(8) Jenħtieġ li l-miżura speċjali ma taffettwax id-dritt tal-konsumaturi li jirċievu fatturi stampati fil-każ ta' tranżazzjonijiet intra-Komunitarji.

([1]) ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.
([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/593 tas-16 ta' April 2018 li tawtorizza lir-Repubblika Taljana tintroduċi miżura speċjali ta' deroga mill-Artikoli 218 u 232 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 99, 19.4.2018, p. 14).
([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/2251 tat-13 ta' Diċembru 2021 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/593 li tawtorizza lir-Repubblika Taljana tintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikoli 218 u 232 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 454, 17.12.2021, p. 1).

(9) Skont l-informazzjoni pprovduta mill-Italja, il-miżura speċjali ser ikollha biss effett negliġibbli fuq l-ammont kumplessiv tad-dħul mit-taxxa li l-Italja tiġbor fl-istadju tal-konsum finali, u mhux ser ikollha effett negattiv fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni akkumulati mill-VAT.

(10) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/593 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/593 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2027.

Kwalunkwe talba għall-estensjoni tal-awtorizzazzjoni prevista f'din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu 2027, u għandha tkun akkumpanjata minn rapport li jinkludi valutazzjoni tal-punt sa fejn il-miżuri nazzjonali msemmija fl-Artikolu 3 kienu effettivi fil-ġlieda kontra l-frodi u l-evażjoni tal-VAT u fis-simplifikazzjoni tal-ġbir tat-taxxi. Barra minn hekk, dak ir-rapport għandu jinkludi evalwazzjoni tal-impatt ta' dawk il-miżuri fuq il-persuni taxxabbli, b'mod partikolari dawk li jibbenefikaw mill-eżenzjoni għall-intrapriżi ż-żgħar imsemmija fl-Artikolu 282 tad-Direttiva 2006/112/KE, u għandu b'mod partikolari jevalwa jekk dawk il-miżuri jżidux il-piż u l-kostijiet amministrattivi fuq dawk il-persuni taxxabbli.

Madankollu, fil-każ li l-Kunsill, filwaqt li jaġixxi abbażi tal-Artikolu 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jew abbażi ta' kwalunkwe dispożizzjoni rilevanti oħra ta' dak it-Trattat, jintroduċi sistema ġenerali għall-fatturazzjoni elettronika, din id-Deċiżjoni għandha tieqaf tapplika fil-jum li fih dik is-sistema ġenerali ssir applikabbli.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fid-data tan-notifika tagħha.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Taljana.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Diċembru 2024.

Għall-Kunsill

Il-President

VARGA M.